# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 56**

**Citaz. Nru. 1085/98GV**

**Doc. Nru. 38-01**

**Dominic Gafa'**

**vs**

**Michael Falzon, Editur tal-gurnal "The People"**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut bhala editur tal-gurnal "The People" fil-harga tal-istess gurnal tas-17 ta' Marzu, 1998, ippubblika artikolu, anke bi prominenza fl-ewwel faccata li bih ta' malafama lill-istanti billi attribwielu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi '*inter alia*' l-artikolu msemmi allega li huwa kien qed jiggestixxi hanut fil-Malta International Airport waqt il-hin tal-impieg tieghu mal-Air Malta u/jew bl-uniformi tax-xoghol;

Premess illi dawn l-insinwazzjonijiet huma inveritieri u intizi biss biex jaghmlu hsara lill-istanti;

Premess illi konsegwentement l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-att dwar l-Istampa;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut ta' malafama lill-istanti bl-istampati surreferiti bl-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurji morali u malafama li huwa sofra bil-kitba fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-artikolu '*Sweet Business*', li deher fil-harga tal-gurnal The People tas-sbatax ta' Marzu, 1998, mertu ta' din il-kawza jikkonsisti f'fatti veri u kummenti gusti mghoddija fuq l-istess fatti;

2. Illi ghaldaqstant m'ghandux l-attur jigi kkundannat hlas ta' danni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti: tiddikjara li konvenut immalafama lill-attur bl-artikolu f'The People fil-harga tas-17 ta' Marzu, 1998 bl-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu; tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiddetermina din il-Qorti bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurji morali u malafama li huwa sofra b'dik il-kitba.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: li l-artikolu "*Sweet Business*" li deher fil-harga tal-gurnal imsemmi mertu ta' din il-kawza jikkonsisti f'fatti veri u kummenti gusti mghoddija fuq l-istess fatti.

**PROVI**

**L-attur** xehed li hu impjegat mal Air Malta bhala *driver/loader* u l-kumpanija tieghu ghandha mikri hanut fit- *Tax Free Area* tal-MIA dan wara sejha ghall-offerti. Kuntrarjament ghal dak li deher fil-gurnal, mhux veru li hu kien imexxi hanut fl-Airport minghajr *tender*; lanqas ma hu minnu li kien bl-uniformi tal Air Malta jservi n-nies mill-hanut waqt il-hin tax-xoghol. Il-publikazzjoji ghamlitlu hsara kemm ma shabu fuq il-post tax-xoghol kif ukoll mal-kumpanija li thaddmu. Kienet saret investigazzjoni fuqu. Il-persuna li tidher fir-ritratt mhux hu. Hu ma kkommetta ebda "*breach of security practice*" billi hu ghandu pass u awtorizzazzjoni u setgha u ghadu jista' jidhol fit- *Tax Free Area* billi hu ghandu hanut hemm. Il-malafama tidher aktar gravi billi din nghatat prominenza fl-ewwel faccata tal-gurnal.

**Lawrence Mizzi**, Group Head Corporate Services Subsidiaries tal-Air Malta, xehed li kien sar jaf bl-artikolu in kwistjoni. Kien cempel lis-superjur ta' l-attur u dan kien qallu li l-attur ma kienx telaq minn fuq xogholu waqt il-hin tax-xoghol. Kien baghat ghall-attur personalment u wissih pero' huma ma kienux sabu provi li l-attur kien telaq fil-hin tax-xoghol. Kien fl-obbligu taghhom li f'kull

rapport anke jekk ikun hemm allegazzjoni biss u ma jkunx hemm provi, xorta wahda hassew li d-*dover* li jaraw.

Fuq kontroezami wiegeb li l-attur jahdem f'xiftijiet differenti u ma jistax ighid il-hinijiet tieghu. Fuq il-gazzetta ma ssemmewx hinijiet.

**Norman Cassar**, Division Manager Operations, xehed li sar jaf bl-artikolu. Bhala MIA huma ma nvestigaw xejn dwar dan il-kaz billi ma gie rapportat xejn lilhom fil-kors normali tax-xoghol taghhom. L-attur kellu *concession* fid-*departure lounge* u din hi *restricted area* u biex tidhol fih trid pass. L-attur kellu dan il-pass. L-impjegati u s-sid ikollhom access ghal post. Hu qatt ma ra lill attur ibiegh fil-hanut. L-ebda koncessjonarju ma jahdem fil-hanut, dawn imorru jiccekkjaw fil-hwienet taghhom. Koncessjonarju jrid ikollu kumpanija u ma jistax jkun personali. Il-kumpanija ta' l-attur hija Saveway u Gafa kien jidher ghall-din il-kumpanija.

**Il-konvenut** xehed li hu kien responsabbili ghal gazzetta The People u l-artikolu kien kitbu hu. Hu kien ha l-informazzjoni li kellu direttur iehor, fil-gazzetta, is-Sur Papagorcopulo u prattikament qghad fuq din l-informazzjoni li kellu. Hu kien assigurah li l-informazzjoni kienet veritjera. Il-gazzetta kienet kitbet xi darbtejn fuq Gafa.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qal li l-artikolu "*Sweet Business*" li deher fil-harga tal-gurnal imsemmi mertu ta' din il-kawza jikkonsisti f'fatti veri u kummenti gusti mghoddija fuq l-istess fatti. L-artikolu kien kitbu hu fuq informazzjoni li taghilu direttur iehor, fil-gazzetta, is-Sur Papagorcopulo li kien assigurah li l-informazzjoni kienet veritjera.

Skond il-ligi, kummenti jridu jkunu bazati fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri. Jekk il fatti jigu pruvati, allura l-kummenti jammontaw ghal *fair comment* altrimenti l-artikolu jkun libelluz.

Fil-kaz in ezami l-konvenut ma gab ebda prova li:

- l-attur kien imexxi hanut fl-Airport minghajr *tender*;
- li kien bl-uniformi tal- Air Malta jservi n-nies mill-hanut waqt il-hin tax-xoghol;
- li l-konvenut ikkommetta "*breach of security practice*"

L-attur ipproduca bhala xhud lill Lawrence Mizzi, Group Head Corporate Services Subsidiaries tal-Air Malta, li qal li kien sar jaf bl-artikolu in kwistjoni u meta cempel lis-superjur ta' l-attur dan qallu li l-attur ma kienx telaq minn fuq xogholu waqt il-hin tax-xoghol.

Norman Cassar, Division Manager Operations, xehed li l-attur kellu *concession* fid-*departure lounge* li hi *restricted area* u biex tidhol fih trid *pass*. L-attur kellu dan il-*pass*. Hu qatt ma ra lill attur ibiegh fil-hanut.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-talba attrici ghandha tigi milqugha billi l-fatti imsemmija fl-artikolu ma gewx pruvati li verament graw. Il-libell f'dan il-kaz hu aktar gravi billi l-artikolu inghata prominenza kwazi fl-ewwel faccata kollha tal-gurnal.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi u tiddikjara li konvenut immalafama lill-attur bl-artikolu f' The People fil-harga tas-17 ta' Marzu, 1998 bl-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu;

tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm500 bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurji morali u malafama li huwa sofra b'dik il-kitba.

Spejjez ghall-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**